# Sehem il-Ġenituri fl-Iskola

## Kulleġġ San Ġorġ Preca – Skola Primarja tal-Floriana

**Stephen Miceli – Kap tal-Iskola**

**Mejju 2014**

**Maqluba għall-Malti f'Lulju 2016**

# Sehem il-Ġenituri fl-Iskola

## Daħla

**L-Iskola Primarja tal-Floriana hija komunità ta' għalliema, studenti u ġenituri li kollha flimkien qegħdin jaħdmu sabiex tinbena komunità ibbażata fuq it-tagħlim u li toffri għajnuna kontinwa, parteċipazzjoni attiva u li toffri sfida pożittiva lill-istudenti kollha.**

**Fl-iskola nafu li sabiex dan ikun tassew suċċess jeħtieġ is-sehem dirett tal-ġenituri u tal-familji fl-edukazzjoni tat-tfal tagħhom. Dan ikun jista' iseħħ bil-binja ta' relazzjoni tajba bejn id-dar, l-iskola u l-komunità kollha li taħdem id f'id sabiex l-istudenti jkollhom edukazzjoni tajba. Aħna nemmnu li l-familja li tinvolvi ruħha fl-edukazzjoni tat-tfal tagħha tkun qegħda tmexxi 'l quddiem ir-riżultat akkademiku tat-tfal; tkattar attitudnijiet pożittivi u tinkoraġġixxi imġiba tajba. Effett ta' dawn is-suċċess edukattiv tal-iskola tagħna ikun jista' jitkattar u jimxi 'l quddiem.**

**B'din il-viżjoni quddiemna ħejjejna dan il-pjan ta' azzjoni. Il-ġenituri huma mħeġġa jinvolvu lilhom infushom billi jsegwu dan il-pjan.**

# Sehem l-Iskola

1. **Torganizza laqgħa għall-ġenituri tal-istudenti kollha fil-bidu ta' kull sena skolastika.**
    - **Il-ġenituri kollha jkunu mistiedna u mħeġġa biex jattendu.**
    - **Il-ġenituri jingħataw tagħrif bażiku dwar l-iskola u r-regolamenti li timxi fuqhom.**
    - **Kull ġenitur jingħata kopja tal-"Linji Gwida Għall-Ġenituri". Huwa mistenni li l-ġenituri kollha jaqraw dawn il-linji gwida u jimxu magħhom. F'każ ta' kull diffikultà il-ġenituri għandhom dejjem ifittxu l-għajnuna mill-amministrazzjoni tal-iskola.**
    - **L-għalliema jitkellmu mal-ġenituri u jispjegawlhom il-pjan tas-sena u dak li hu mistenni mill-istudenti fil-klassi.**
2. **Il-ġenituri jistgħu jistaqsu sabiex jiltaqgħu mal-amministrazzjoni tal-iskola u/jew mal-għalliema dejjem sakemm ikun sar appuntament u bi ftehim mal-għalliema bil-quddiem.**
3. **Il-ġenituri li jkollhom lill-uliedhom bi *Statement of Needs* ikunu dejjem involuti fl-ippjanar u fit-twettiq tal-programm edukattiv ta' uliedhom.**
4. **Il-ġenituri kollha għandhom jirċievu ċ-ċirkolari ta' kull xahar. Din iċ-ċirkolrsi għandha titpoġġa wkoll fin-*notice board* biswit il-bieb tal-iskola u fil-*website* tal-iskola.**
5. **Il-ġenituri kollha għandhom ikunu infurmati tajjeb dwar il-progress akkademiku u l-assessjar tat-tfal tagħhom. Dan għandu jsir waqt Lejla Għall-Ġenituri li tkun organizzata fl-ewwel term u**

waqt Jum il-Ġenituri li jkun organizzat ftit wara li jintemmu l-eżamijiet ta' nofs is-sena.

6. Il-ġenituri dejjem huma mistiedna jattendu l-*Assembly* Speċjali, għal Jum iċ-Ċelebrazzjoni u attivitajiet oħra li torganizza l-iskola minn żmien għall-ieħor.
7. L-iskola għandha tieħu kull opportunita' sabiex tisma' suġġerimenti validi u proprji minn għand il-ġenituri u tqishom meta tiġi biex tieħu deċiżjoni fl-interess tat-tfal.
8. L-iskola għandha tieħu kull opportunita' sabiex torganizza korsijiet ta' *Parental Skills* sabiex twessa' l-għarfien tal-ġenituri dwar it-trobbija tal-ulied.

## Sehem il-Ġenituri jew Kustodji

Il-ġenituri kollha u l-Kustodji huma mistennija jgħinu lill-uliedhom u lill-iskola billi:

- Jagħtu dejjem eżempju tajjeb lill-uliedhom f'ilbieshom, fil-lingwaġġ li jużaw, fl-imġiba u fl-attitudni ġenerali lejn l-iskola.
- Ikunu kordjali u juru rispett meta jitkellmu mal-amministrazzjoni tal-iskola u mal-istaff kollu.
- Ma javviċinawx membri tal-istaff sabiex ikellmuhom bla appuntament – la waqt il-ħin tal-iskola, la waqt xi attività u lanqas meta t-tfal ikunu deħlin u ħerġin mill-iskola – dan sabiex dejjem inħarsu l-ewwel is-sigurtà tat-tfal.
- Jibagħtu lill-uliedhom l-iskola kuljum.
- Jaraw li uliedhom jaslu l-iskola fil-ħin.

- **Jevitaw li jiġu għat-tfal qabel ma tispiċċa l-iskola.**
- **Jaraw li uliedhom jagħmlu l-HW kollu.**
- **Jieħdu sehem pożittiv f'deċiżjonijiet li jistgħu jaffettwaw it-tagħlim ta' uliedhom.**
- **Jgħinu billi jinkoraġġixxu lil uliedhom jattendu attivitajiet ko-kurrikulari.**
- **Iżommu rwiehhom aġġornati dwar il-progress ta' uliedhom – jaqraw iċ-ċirkolarijiet u jaqraw l-avviżi kollha li jkollhom it-tfal fuq id-Djarju tal-Iskola.**
- **Jużaw id-Djarju bħala għodda ta' komunikazzjoni u mhux ikellmu lill-għalliema barra mill-iskola.**
- **Jagħtu sehemhom, jekk ikun possibbli, fil-Kunsill Skolastiku.**

## Għeluq

**Il-ġid tal-istudenti huwa l-għan ewlieni tal-iskola tagħna. Minn żmien għal żmien jistgħu jinqalgħu xi ċirkostanzi fejn ikun hemm konflitt bejn l-opinjoni tal-ġenituri u dik tal-iskola fejn jirrigwarda l-aħjar interess tat-tfal. F'każijiet bħal dawn il-membri kollha tal-istaff għandhom jagħmlu ħilithom sabiex il-konflitt jiġi risolt malgħajr kemm jista' ikun, bla tilwim u f'atmosfera ta' ordni.**